MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 122/2007

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**vs**

**Francis u Annabelle mizzewwgin Muscat u Ismail u Anna mizzewgin Hazzouri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Bank rikorrenti;

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami datat 9 ta` Dicembru, 1997 (Dok. A), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Francis u Annabelle mizzewgin Muscat;

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Francis u Annabelle mizzewgin Muscat fis-somma ta` hamsa u tletin elf, sebgha u sittin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm35,067.88) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta` Francis u Annabelle mizzewgin Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. Dok. “B1 sa B2”, Dok. “C1 sa C2”, Dok “D1 sa D2”, “E1 sa E2”, u Dok. “F”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-13 ta` Jannar, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Permezz ta` skrittura privata u cioe` dik datata 10 ta` Settembru, 1997 (Dok. “G”), il-konvenuti Ismail u Anna mizzewgin Hazzouri iggarantew flimkien u “in solidum” ma` Francis u Anna mizzewgin Muscat ghal-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta` l-istess Francis u Anna mizzewgin Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta` elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500).

4. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Francis u Anna mizzewgin Muscat;
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Francis u Annabelle mizzewgin Muscat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

5. L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

6. Il-konvenuti gew interpellati permezz ta` zewg ittri ufficjali datati fl-1 ta` April, 2003 u fit-3 ta` April, 2003 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. “H” u “I”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Francis u Annabelle mizzewgin Muscat (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjeti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Francis u Annabelle mizzewgin Muscat li jipperikolaw jew jafettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. tikkundanna lil Francis u Annabelle mizzewgin Muscat u lil Ismail u Anna mizzewgin Hazzouri flimkien u “in solidum” jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` hamsa u tletin elf, sebgha u sittin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm35,067.88) bilanc ghad-debitu fil-“Loan accounts” ta` Francis u Annabelle mizzewgin Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. ((Dok. “B1 sa B2”, Dok. “C1 sa C2”, Dok. “D1 sa D2”, Dok. “E1 sa E2”, u Dok. “ F”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-13 ta` Jannar, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittri ufficjali datati fl-1 ta` April, 2003 u fit-3 ta` April, 2003 u tal-Mandat ta` Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Francis u Annabelle mizzewwgin Muscat:

1. L-imghax kif mahdum huwa bil-compound interest u mhux bis-simple interest u dan imur kontra kull prassi u ftehim u ghalhekk l-ammont reklamat ghandu jkun inqas.

2. Salv risposti ulterjuri.

Rat in-nota ta` Annabelle Muscat, Francis Muscat, Anna Hazzouri u Ismail Hazzouri li biha ammettew it-talbiet tal-Bank rikorrenti.

Fic-cirkostanzi l-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel talba tal-Bank rikorrenti, tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati Francis u Annabelle mizzewgin Muscat u lil Ismail u Anna mizzewgin Hazzouri flimkien u in solidum ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` wiehed u tmenin elf, sitt mija u sitta u tmenin ewro u dsatax-il centezmu (€81,686.19), bl-imghax kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------